MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 92/2007/1

**Nazzareno sive Leslie Sammut**

**vs**

**Charles Sultana**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur:

Illi l-intimat jikri l-fond ossia garage li jgib n-numru 22 fi Triq Notary Emanuel Debono Naxxar minghand ir-rikorrent u dan versu l-kera annwali ta' Lm360 li jithallsu kull tlett xhur bil-quddiem u bl-iskadenza li jmiss taghlaq fl-ahhar ta' Dicembru 2007;

Illi l-imsemmi 'garage' jinsab mikri ghall-uzu tal-karozzi personali tal-intimat biss;

Illi kif konfermat mill-intimat bil-gurament tieghu stess u wkoll minn xhieda ohra mressqa minnu fi proceduri ohrajn, l-intimat ma qieghedx jaghmel uzu mill-‘garage’ surreferit skond kif miftiehem u dan billi ghal aktar minn sentejn zammu maghluq;

Illi inoltre r-rikorrenti ghandu bzonn il-‘garage’ surreferit ghall-uliedu kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghaldaqstant in vizta tas-suespost u tal-provi u sottomissjonijiet li ser ikunu prodotti fil-kors ta’ din il-kawza, r-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess vakanti tal-fond surreferit b’dan illi jiffissa terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tal-istess, bl-ispejjes kontra l-intimat;

Ra r-risposta tal-intimat li tghid:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi preliminarjament qed jigi eccepit il-principju tan-nebis in idem stante illi l-mertu ta’ dan il-kaz bejn l-istess partijiet diga kien deciz fil-kawza Rikors numru 58/2004JC fl-istess ismijiet deciza u kkonfermata sahansitra fl-appell fid-9 ta’ Marzu 2007;

Illi subordinarjament u minghhjr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni fil-mertu r-rikorrent qed jikkontesta diversi inezattezzi fuq liema huma imsejsa l-istess talbiet;

Illi l-garage in kwistjoni huwa uzat u bzonnjuz ghall-intimat kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kaz jekk ikun hemm bzonn;

Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jirrizultaw;

Ra l-atti tar-rikros;

Ikkunsidra:

Illi minkejja l-eccezzjoni preliminari tal-intimat dwar li dan il-kaz gia ghadda in gudikat, l-istess intimat baqa' ma ressaq l-ebda prova dwarha. Minkejja dan, r-rikorrenti ghamel referenza ghal sentenza moghtija minn dan il-Bord diversament presedut billi annetta kopja taghha fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u argumenta li dik is-sentenza m'ghandiex titqies li kienet tikkoncerna l-istess ragunijiet li fuqhom huwa mibni ir-rikors odjern. Proceduralment, atti li ma jkunux prezentati matul il-kors tal-kawza mhumiex ammissibbli izda fil-kaz eccezzjonali fejn l-eccezzjoni tar-*res judicata* hija kwistjoni ta' ordni pubbliku kif ukoll fejn id-dokument si tratta ta' sentenza tal-istess Bord dwar il-mertu, l-Bord ghandu jiehu konjizzjoni tal-istess. Din hija sentenza tal-Bord tal-Kera tad-9 t'Ottubru 2006 fl-ismijiet Nazzareno sive Leslie Sammut vs Charles Sultana Rik Nru 58/2004 kif ukoll s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-9 ta' Mejju 2007 li kkonfermat l-ewwel decizjoni citata u dan dwar ripreza tal-garage 22 Triq Notary Emanuel Debono, Naxxar bazata fuq htiega tal-istess minn ulied ir-rikorrenti;

Illi l-gurisprudenza in materja hija kostanti u huwa pacifiku illi f'eccezzjoni ta' gudikat jehtieg il-konkorrenza ta' tlett elementi, ara per ezemplari is-sentenza **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et deciza 25 ta' Settembru 2003 PA.** Kemm il-darba il-kawza tkun bejn l-istess partijiet, *aedem persona*, oltre li tkun dwar l-istess oggett, *aedem res* u l-istess kwistjoni *aedem causa petendi*, l-intimat ikollu kull ragun jissoleva tali eccezzjoni u l-Bord ma jkunx jista' jerga jezamina l-kawza mill-gdid. Minn ezami tas-sentenza esebita, konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell jemergi illi dan il-mertu gia ghadda in gudikat bejn l-istess partijiet dwar oggett, garage, li r-ripreza tieghu kienet mitluba ghal bzonn mis-sid. Il-Bord ma jaqbilx mar-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi din il-kawza infethet f'cirkostanzi differenti minn dik gia deciza u dan ghaliex il-premessi li taw lok ghaz-zewg rikorsi huma l-istess.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' l-eccezzjoni tall-intimat dwar ir-*res judicata* u jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------